KUNSILL LOKALI TAS-SLIEMA
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 – MALTA

TAS-SLIEMA

TAS-SLIEMA LOCAL COUNCIL
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 – MALTA

Telephone: +356 2133 7633
Fax: +356 2134 5333
Email: sliema.lc@gov.mt
Website: sliemalocalcouncil.com

## LAQGĦAT TAL-KUNSILL TAS-SLIEMA TAT-TMIEN LEĠISLATURA - LAQGĦA NUMRU 78

It-tmienja u sebgħin seduta tat-tmien leġislatura tal-Kunsill Lokali Tas-Sliema nżammet it-Tlieta 13 ta' Frar 2018 fis-6pm fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fi Triq Depiro, Tas-Sliema.

| | | |
|---|---|---|
| **PREŻENTI** | Anthony Chircop | Sindku |
| | Kristian Busietta | Vici Sindku |
| | Vivianne Galea Pace | Kunsillier |
| | John Pillow | Kunsillier |
| | Pierre Portelli | Kunsillier |
| | Paul Radmilli | Kunsillier |
| **ASSENTI B'APPOLOGIJA** | Marianne Aquilina | Kunsillier |
| **(Skont Ordni Permanenti 14A (3)** | Michael Briguglio | Kunsillier |
| | Lisa Cassar Shaw | Kunsillier |
| | Nanette Castaldi Paris | Kunsillier |
| | David Muscat | Kunsillier |
| **ASSENTI** | | |
| **UFFIĊĊJALI PREŻENTI** | Matthew Dimech | Segretarju Eżekuttiv |

*Is-Seduta bdiet fis-18.00 b'din l-Agenda:*

*78.1 Qari tal-ittri ta' apologiji ;*
*78.2 Approvazzjoni tal-Estimi Finanzjarji 2017;*
*78.3 Budget 2018 ;*

## 78.1 QARI TAL-ITTRI TA' APOLOGIJI

78.1.1 Is-Segretarju Ezekuttiv ressaq l-ittri ta' apoloġija tal-Kunsilliera M. Aqulina, L. Cassar Shaw, D. Muscat, M. Briguglio, N. Castaldi Paris biex jiġu skuzati minn din il-laqgħa. Kien hemm qbil għal dawn l-apoloġiji.

## 78.2 APPROVAZZJONI TAL-ESTIMI FINANZJARJI 2017

78.2.1 Is-Sindku ressaq għall-approvazzjoni l-Estimi Finanzjarji tas-sena 2017.

78.2.2 L-*accountant* tal-Kunsill ta' spjega wiesha tal-Estimi Finanzjarji, li għal sena oħra qegħdin juru qagħda pozittiva tal-finanzi tal-Kunsill.

78.2.3 Il-Kunsill approva li ċertu debituri jinqatgħu mill-kotba tal-Kunsill.

Dawn huma:

- AVTM Group - €118.65
- Green MT - €80
- Guess - €280
- Jokate - €69.88
- La Rive - €396
- SDN Lounge - €275
- Zumba Teacher - €112.50
- LES - €768

78.2.4 Il-Kunsill approva wkoll id-*disposals* ta' numru ta' assi tal-Kunsill kif propost mill-*accountant*.

78.2.5 Il-Kunsill approva l-*financial statements* 2017

## 78.3 BUDGET 2018

78.3.1 Is-Sindku prezenta d-*draft* budget għas-sena 2018 li diġa ġie diskuss waqt il-laqgħa tal-Kumitat tal-Finanzi.

78.3.2 Il-Kunsill iddiskuta il-*budget* u ġew deċizi numru ta' emendi, li fosthom inkludew zieda ta' Eur 10,000 bħala fondi għall-attivitajiet soċjali biex jiffinanzjaw parti mill-ispejjes ta' *Sliema Arts Festival* hekk kif ukoll tnaqqis fil-*budget* propost għal ġbir ta' skart fis-sena 2018, peress li dan kien jidher ftit esaġerat.

78.3.3 Il-Kunsill approva il-Budget 2018 hekk kif emendat.

Minuti approvati llum 21/02/2018

(IFFIRMATA) (IFFIRMATA)

**Anthony Chircop**
**Sindku**

**Matthew Dimech**
**Segretarju Eżekuttiv**